

IS-SISTEMA TA' TRAĊĊABBILTÀ TAT-TABAKK TAL-UE: ŻBALJI KOMUNI FIR-RAPPORTAR



Dan id-dokument inġoloq fuq it-talba tas-Sottogrupp ta' Esperti tal-UE dwar it-Traċċabbiltà u dwar il-Karatteristiċi tas-Sigurtà. Huwa jistabilixxi lista ta' żbalji komuni osservati matul l-ewwel numru ta' xhur li kienu qed jitħaddem ir-Repożitorju Sekondarju tal-UE u r-Router.

Il-Kummissjoni Ewropea mhijiex responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta minħabba l-użu mill-ġdid ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019

© L-Unjoni Ewropea, 2019

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissewma s-sors oriġinali.

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.

KIF TIKKUNTATTJA LILL-UE

PERSONALMENT

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

BIT-TELEFOWN JEW BIL-POSTA ELETTRONIKA

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
- bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

KIF ISSIB TAGĦRIF DWAR L-UE

ONLAJN

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: <https://publications.europa.eu/mt/publications>. Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

IL-LIĠI TAL-UE U DOKUMENTI RELATATI

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: <http://eur-lex.europa.eu>

DEJTA MIFTUĦA MILL-UE

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.



SANTE B2 Tim tat-traċċabbiltà tat-tabakk

ŻBALJI KOMUNI

Dan id-dokument inġoloq fuq it-talba tas-Sottogrupp ta' Esperti tal-UE dwar it-Traċċabbiltà u dwar il-Karatteristiċi tas-Sigurtà. Huwa jstabilixxi lista ta' żbalji komuni osservati matul l-ewwel numru ta' xhur li kienu qed jiġihaddem ir-Repożitorju Sekondarju tal-UE u r-Router.

Sommarju tal-bidliet

Data	Verżjoni	Magħmul minn	Kumment
23/09/2019	1.0	Dentsu Aegis Network	
04/10/2019	x	EC SANTE B2	Verifika
11/10/2019	1.1	Dentsu Aegis Network	
14/10/2019	x	EC SANTE B2	Verifika

Werrej

- 1 ... INTRODUZZJONI
- 2 ... DATA EWLENIJA
- 3 ... DATA TAL-AVVENIMENT
- 4 ... DATA TAT-TRAŻMISSJONI



1 Introduzzjoni

Dan id-dokument jiddeskrivi l-aktar żbalji komuni ta' rapportar osservati matul l-ewwel numru ta' xhur tal-operazzjonijiet tar-Repożitorju Sekondarju tal-UE u r-Router. L-għan ewlieni tiegħu huwa li jassisti lill-**operaturi ekonomiċi fir-rieżami** tal-aspetti prattiċi tal-proċeduri u l-prattiki interni tagħhom sabiex tiġi żgurata l-konformità sħiħa tal-attivitàjiet tagħhom mar-regoli applikabbli dwar it-traċċabbiltà tat-tabakk.

Jenħtieġ li l-Operaturi Ekonomiċi janalizzaw l-iżbalji ewlenin tar-rapportar enfasizzati f'dan id-dokument.

Il-preżenza ta' żbalji tar-rapportar tissuġġerixxi li l-operaturi ekonomiċi jistgħu jkunu f'riskju li ma jissodisfawx l-obbligi regolatorji tagħhom skont il-leġiżlazzjoni applikabbli¹, li tista' taffettwa l-istatus tal-konformità tal-prodotti fiċ-ċirkolazzjoni.

Matul ix-xhur inizjali tal-operazzjonijiet tas-sistema, ġew identifikati l-kategoriji li ġejjin ta' kwistjonijiet dwar il-kwalità tad-*data*:

- *Data* ewlenija nieqsa jew mhux preċiża;
- Informazzjoni ħażina jew nieqsa dwar avveniment;
- Żbalji fl-użu ta' avvenimenti, inkluż is-sekwenzjar.

[1] [Id-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew](#) u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati, ĠU L 127, 29.4.2014, p. 1–38; [Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2018/574](#) tal-15 ta' Diċembru 2017 dwar l-istandards tekniċi għat-twaqqif u għat-tħaddim ta' sistema ta' traċċabbiltà għall-prodotti tat-tabakk, ĠU L 96, 16.4.2018, p. 7–55.

2 Data ewlenija (Master data)

Jenħtieġ li r-reġistri (*data* ewlenija) ikkompilati mill-emittenti tal-ID u mibgħuta lir-Repożitorju Sekondarju, u li jkun fihom informazzjoni dwar l-operaturi ekonomiċi, il-faċilitajiet u l-magni, ikunu aġġornati u kompleti. Jenħtieġ li dawn ikun fihom informazzjoni dwar l-operaturi ekonomiċi, il-faċilitajiet u l-magni kollha li joperaw fis-sistemi ta' traċċar u rintraċċar tat-tabakk tal-UE, flimkien ma' informazzjoni obbligatorja relatata.

Ġew osservati każijiet ta' *data* nieqsa jew inkompleta.

Operaturi ekonomiċi, faċilitajiet u magni neqsin fir-reġistri

Problema

Meta l-**EOID/FID/MID** ikunu assenti minħabba li l-operaturi ekonomiċi/faċilitajiet/magni ma jkunux ġew irreġistrati mal-Emittent tal-ID, id-distribuzzjoni tipprova tibgħat messaġġi b'**UNKNOWN**' jew **EOIDs/FIDs/MIDs** iġġenerati minnhom infushom.

Impatt

Dawn il-lakuni fid-*data* joħolqu inkonsistenzi fir-rapportar li jwasslu sabiex jiġu ġġenerati kodiċijiet li ma jistgħux jiġu marbuta mad-*data* rreġistrata.

Azzjoni meħtieġa

Jenħtieġ li l-Operaturi Ekonomiċi janalizzaw u, jekk ikun meħtieġ, jikkoreġu l-informazzjoni tal-EOID, FID, MID irrapportata lill-Emittent tal-ID. Jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi/faċilitajiet/magni kollha li qed jirrieżaminaw ikunu rreġistrati.

Indirizzi inkompleti jew neqsin

Problema

L-operaturi ekonomiċi xi kultant/regolarment idaħħlu indirizzi fir-reġistri b'informazzjoni inkompleta (eż. il-belt nieqsa) jew nieqsa (eż. spazju vojta).

Impatt

L-Operatur Ekonomiku, il-Faċilità jew il-Magni ma jkunux jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar.

Azzjoni meħtieġa

L-Operaturi Ekonomiċi għandhom janalizzaw u, jekk ikun meħtieġ, jikkoreġu l-informazzjoni tal-indirizzi.

NB. Bħala parti mill-bidliet proposti għad-Dizzjunarju tad-*Data* u l-Lista ta' Speċifikazzjonijiet 1.3, l-ispazju fejn irid jiddaħħal l-indirizz ser jinqasam u ser tiġi implimentata validazzjoni addizzjonali. Bħala parti minn dan l-ammeljorament, l-Emittenti



tal-ID jistgħu jitolbu lill-Operaturi Ekonomiċi sabiex jikkonfermaw mill-ġdid l-indirizzi rrapportati tagħhom.

Karattri mhux Rumani

Problema

L-użu tal-karattri mhux Rumani fl-ispazji li jridu jimtlew bilfors. Jenħtieġ li dawn l-ispazji jimtlew b'mod konformi mas-sett ta' karattri tal-ISO8859-15:1999, jiġifieri għandu jintuża biss l-alfabett Latin (Ruman).

Ir-regolament ta' implimentazzjoni¹ jesiġi li l-oqsma tat-test jimtlew b'karattri mill-alfabett Ruman.

L-oqsma tal-indirizz u tal-isem huma wħud mill-oqsma l-aktar affettwati.

Impatt

L-Operaturi Ekonomiċi mhumiex konformi mal-obbligu tagħhom li jitolbu kodiċijiet ta' identifikaturi skont ir-regoli applikabbli¹.

Azzjoni meħtieġa

Jenħtieġ li l-Operaturi Ekonomiċi janalizzaw u, jekk ikun meħtieġ, jikkoreġu l-informazzjoni tal-indirizzi u tat-test skont il-Lista tal-Ispeċifikazzjonijiet².

[1] [Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2018/574](#) tal-15 ta' Diċembru 2017 dwar l-istandards tekniċi għat-twaqqif u għat-tħaddim ta' sistema ta' traċċabbiltà għall-prodotti tat-tabakk

[2] [Dizzjunarju tad-Data 1.2](#) Definizzjoni tat-Tip ta' Data fit-taqsim 2.1

3 Data tal-avveniment

L-Operaturi Ekonomiċi jirrapportaw avvenimenti lir-Router u lir-Repożitorju Sekondarju. Sikwit ikun hemm żbalji fl-informazzjoni li jkun hemm fl-avvenimenti. L-aktar żbalji komuni huma enfasizzati hawn taħt.

Jinqabdu kodiċijiet tal-IU ħżiena

Problema

L-Operaturi Ekonomiċi jirrapportaw messaġġi li fihom lista ta' IU li mhumiex rikonnoxxuti mir-Repożitorju Sekondarju minħabba li l-IU inkwistjoni jiġu trażmessi fil-format żbaljat (eż. l-użu tal-format/kodiċijiet **SGTIN** meta jkunu tneħħew il-kwalifikaturi tad-*data*).

Impatt

Messaġġi li jkun fihom kodiċijiet bħal dawn jiġu aċċettati fuq bażi temporanja, iżda jagħtu bidu għal twissija ta' perjodu ta' tranżizzjoni.¹

L-IU rrapportati f'format skorrett ma jistgħux jiġu marbuta mal-IU rreġistrati fir-Repożitorju Sekondarju, li jwassal għal waqfiet fil-katina tat-traċċabbiltà.

Ir-rapportar ħażin ta' din in-natura jrendi lill-prodotti affettwati mhux konformi mat-TPD u, bħala tali, jistgħu jiġu ssekwestrati mill-awtoritajiet kompetenti.

Eżempji

SSCC irrapportata ħażin bħala (00)**740088XXXX365372** li jkun fiha l-identifikatur tal-applikazzjoni (00) jenħtieġ li tiġi rrapportata bħala **740088XXXX365372**

GS1 SGTIN aUI

01**038XXXX587097214017XXXX1702063**24014382922 li fiha l-identifikaturi tal-applikazzjoni (01), (21) u (240) jenħtieġ li tiġi rrapportata bħala **038XXXX5870974017XXXX1702063**

Azzjoni meħtieġa

Jenħtieġ li l-Operaturi Ekonomiċi janalizzaw u, jekk ikun meħtieġ, jikkoreġu l-format tal-IU maqbuda u trażmessi lir-Router u lir-Repożitorju Sekondarju skont il-Lista tal-Ispeċifikazzjonijiet. L-Operaturi Ekonomiċi jridu jivvalutaw jekk IU tibbenefikax mir-regoli tal-perjodu

tranżitorju.

[1] Il-perjodu ta' tranżizzjoni jestendi mill-20 ta' Mejju 2019 sal-20 ta' Mejju 2020. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Operaturi Ekonomiċi jistgħu jirrapportaw identifikaturi uniċi ta' qabel it-TPD. Jenħtieġ li l-identifikaturi uniċi ta' qabel it-TPD jitneħħew mill-avvenimenti u jiġu pproċessati mis-sistema ta' traċċabbiltà.

Spariġġ fl-IU li jistgħu jinqraw mill-bniedem

Problema

L-Operaturi Ekonomiċi jirrapportaw IU li tista' tingara mill-bniedem waqt l-avveniment ta' applikazzjoni (messagiġ **EUA 3.1**) li ma taqbilx mal-informazzjoni stampata fuq il-pakketti.

Impatt

Informazzjoni skorretta rrapportata.

Informazzjoni inkonsistenti fir-Repożitorju Sekondarju.

Ir-rapportar ħażin ta' din in-natura jrendi lill-prodotti affettwati mhux konformi mat-TPD u, bħala tali, jistgħu jiġu ssekwestrati mill-awtoritajiet kompetenti.

Eżempju

Informazzjoni stampata fuq il-pakkett:



XXXX5fSBFcW2F

Informazzjoni rrapportata mill-Manifattur lir-Repożitorju Sekondarju:

```
[  
  {  
    "id": "XXXX5fSBFcW2FQdXX19061507",  
    "shortIdentifier": "XXXX5fSBFcW2FQdXX",  
    "humanReadableIdentifier": "XXXX5fSBFcW2FQdXX",  
    "clientId": "XXXX9a7epn5a2hn4tg5ai4rl",  
    "deploymentType": 2  
  }  
]
```

Il-kodiċi li jista' jinqara mill-bniedem u li jkun stampat fuq il-pakkett huwa XXXX5fSBFcW2F, filwaqt li l-kodiċi ddikjarat fil-messagiġ tal-applikazzjoni (3.1) huwa XXXX5fSBFcW2FQdXX.

Azzjoni meħtieġa

Jenħtieġ li l-Operaturi Ekonomiċi janalizzaw u, jekk ikun



meħtieġ, jikkoreġu l-informazzjoni li tista' tinqara mill-bniedem.

TP_ID żbaljata

Problema

Meta jitolbu identifikaturi uniċi għall-prodotti intiżi għas-suq tal-UE, l-Operaturi Ekonomiċi jirreferu għal TP_ID skorretta, eż. "00000-00-00000" (f'messaġġi fuq IRU - 2.1).

Impatt

Informazzjoni skorretta rrapportata.

Informazzjoni inkonsistenti fir-Repożitorju Sekondarju.

Ir-rapportar ħażin ta' din in-natura jrendi lill-prodotti affettwati mhux konformi mat-TPD u, bħala tali, jistgħu jiġu ssekwestrati mill-awtoritajiet kompetenti.

Azzjoni meħtieġa

Jenħtieġ li l-Operaturi Ekonomiċi janalizzaw u, jekk ikun meħtieġ, jikkoreġu l-informazzjoni tat-TP_ID.

Rabta korrotta bejn l-IU aggregati u subordinati

Problema

L-Operaturi Ekonomiċi jirrapportaw ir-rabta bejn l-IU aggregati u l-IU subordinati b'mod skorrett billi jelenkaw l-IU aggregati fl-istess lista bħall-IU subordinati.

Impatt

L-informazzjoni aggregata mhijiex preċiża, billi mill-inqas waħda mill-IU subordinati ma tistax tiġi rreġistrata.

Ir-rapportar ħażin ta' din in-natura jrendi lill-prodotti affettwati mhux konformi mat-TPD u, bħala tali, jistgħu jiġu ssekwestrati mill-awtoritajiet kompetenti.

Eżempju

```
{"F_ID": "XXXU10s8KO",  
  "aUI": "XXX5684901748819",  
  "Aggregation_Type": 2,  
  "Aggregated_UIs1": null,  
  "Aggregated_UIs2": ["XXX5684901748819", ...],  
  "aUI_comment": null,
```

```
"Event_Time":"19071612",  
"EO_ID":"XXXU1ZnFQk",  
"Code":"xxxxxxx-00cf-5724-9a71-0dd19dc1fe50_xxxx",  
"Message_Type":"EPA",  
"Signature":{"Origin":1,"Scopes":[2, ...]}  
}
```

Azzjoni meħtieġa

Jenħtieġ li l-Operaturi Ekonomiċi janalizzaw is-sistema li tirrapporta l-avvenimenti tal-aggregazzjoni (3.2) u jikkoreġu l-informazzjoni dwar l-IU aggregati u subordinati kif meħtieġ.

Il-Ħin tal-Avveniment fil-format "ssXXjjSS"

Problema

Il-ħin ta' avveniment, kif indikat f'kull messaġġ, irid jiġi rrapportat fil-format "ssXXjjSS". Xi Operaturi Ekonomiċi ma jseguw dan il-format preskritt.

Impatt

Nuqqas ta' użu tal-format korrett iwassal sabiex il-ħin tal-avveniment jiġi rreġistrat fir-Repożitorju Sekondarju li ma jirriflettix il-ħin tal-avveniment attwali għall-messaġġ korrispondenti. Dan iwassal għal rapportar ħażin.

Ir-rapportar ħażin ta' din in-natura jrendi lill-prodotti affettwati mhux konformi mat-TPD u, bħala tali, jistgħu jiġu ssekwestrati mill-awtoritajiet kompetenti.

Eżempju

```
{ "Payment_Date":"2019-07-24",  
  "Payment_Type":4,"Payment_Amount":281950.7,  
  .....  
  "Event_Time":"30011017",  
  "EO_ID":"XXXXAA2ZMM61",  
  "Code":"xxxxxxx-4920-5cff-b3cc-2e6c3783ecd6_6b2j9a7epn5a2hn4tg5ai4r",  
  "Message_Type":"EPR"
```

Dan l-avveniment ser ikollu d-data tal-10 ta' Jannar 1930.

Azzjoni meħtieġa

Jenħtieġ li l-Operaturi Ekonomiċi janalizzaw u, jekk ikun meħtieġ, jikkoreġu l-informazzjoni dwar l-Event_Time.

4 Trażmissjoni tal-avveniment

L-Operaturi Ekonomiċi jirrapportaw l-avvenimenti lir-Router u lir-Repożitorju Sekondarju. Ġew osservati għadd ta' żbalji komuni matul dan ir-rapportar, kif deskritt hawn taħt.

Avvenimenti mhux irrapportati

Problema

Ir-rapportar tal-avveniment tal-applikazzjoni (il-messaġġ **EUA – 3.1**) ma jiġix irrapportat mill-Operatur Ekonomiku qabel l-avveniment tal-aggregazzjoni (il-messaġġ **EPA – 3.2**).

Ma jiġix irrapportat avveniment tad-dispaċċ (il-messaġġ **EDP – 3.3**) mill-Operatur Ekonomiku qabel l-avveniment tal-wasla (il-messaġġ **ERP – 3.4**).

Impatt

- Jekk l-applikazzjoni tal-IU ma tiġix irreġistrata fir-Repożitorju Sekondarju, kwalunkwe avveniment tal-katina tal-provvista rrapportat minn hemm 'il quddiem jiġġenera rispons 299 ta' twissija ta' tranżizzjoni. Din it-twissija tfisser li l-IU ġiet eskluża mir-rapporti ewlenin.
- Is-sekwenza tar-rapportar tal-messaġġi mhijiex konformi mal-leġiżlazzjoni. Din trendi lill-prodott mhux konformi u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissekwestrarh.

Azzjoni meħtieġa

Jenħtieġ li l-Operaturi Ekonomiċi jiżguraw li l-avvenimenti kollha jiġu rrapportati fl-ordni li fiha jseħħu. Jenħtieġ li huma janalizzaw u, jekk ikun meħtieġ, jikkoreġu r-rapportar tal-mekkaniżmu tal-avveniment sabiex jiżguraw li l-avvenimenti jiġu trażmessi lir-Router u lir-Repożitorju Sekondarju b'mod f'waqtu mingħajr buffering.

Bosta Avvenimenti ta' Aggregazzjoni fuq l-istess IU

Problema

L-Operaturi Ekonomiċi jirrapportaw bosta avvenimenti ta' aggregazzjoni (il-messaġġ **EPA – 3.2**) bl-istess IU ewlenija mingħajr ma jirrapportaw kwalunkwe avveniment ta' diżaggregazzjoni (il-messaġġ 3.6).

Impatt

- L-użu mill-ġdid ta' IU ġġenerata minnha nnifisha f'livell aggregat jirrikjedi li l-avveniment ta' aggregazzjoni sussegwenti jkun ippreċedut minn avveniment ta' diżaggregazzjoni.
- Ir-rapportar ħażin ta' din in-natura jrendi lill-prodotti affettwati mhux konformi mat-TPD u, bħala tali, jistgħu jiġu ssekwestrati mill-awtoritajiet kompetenti.

Azzjoni meħtieġa

L-Operaturi Ekonomiċi jridu jirrapportaw avveniment ta' diżaggregazzjoni meta jerġġu jużaw IU ġġenerata minnha nnifisha f'livell ta' aggregazzjoni. Mhuwiex



permess l-użu mill-ġdid ta' IU aggregati mogħtija minn emittent tal-ID nazzjonali.

Trażmissjoni skorretta tas-sekwenza tal-Avvenimenti

Problema

L-Operaturi Ekonomiċi jirrapportaw il-movimenti tal-prodotti fl-ordni żbaljata. Pereżempju, l-avvenimenti tal-wasla (il-messaġġ **ERP - 3.4** jew il-messaġġ **EVR - 3.7**) jiġu rrapportati qabel l-avvenimenti tad-dispaċċ relatati (il-messaġġ **EDP - 3.3**).

Impatt

L-Operaturi Ekonomiċi ma jkunux konformi mad-dmir tagħhom li jittrażmettu l-avvenimenti fl-ordni li fiha jseħħu kif definit fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/574 tal-15 ta' Diċembru 2017.

Azzjoni meħtieġa

Jenħtieġ li l-Operaturi Ekonomiċi jiżguraw li l-avvenimenti kollha jiġu rrapportati fl-ordni li fiha jseħħu. Jenħtieġ li huma jivvalidaw ukoll li s-sistemi tagħhom qegħdin jipproċessaw u jittrażmettu l-avvenimenti fis-sekwenza tal-ipproċessar.

Il-ħin tat-trażmissjoni tal-messaġġ

Problema

L-Operaturi Ekonomiċi jirrapportaw l-avvenimenti barra mill-perjodu ta' żmien definit fil-leġiżlazzjoni.

Impatt

L-Operaturi Ekonomiċi ma jkunux konformi mad-dmir tagħhom li jittrażmettu l-avvenimenti fl-ordni li fiha jseħħu kif definit fil-leġiżlazzjoni.

Azzjoni meħtieġa

Jenħtieġ li l-Operaturi Ekonomiċi jivvalidaw li s-sistemi tagħhom qegħdin jipproċessaw u jittrażmettu l-avvenimenti skont il-perjodu ta' żmien definit fil-leġiżlazzjoni.



